**Informazzjoni fil-qosor ikkomunikata mill-Istati Membri dwar għajnuniet mill-Istat mogħtija skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1857/2006 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE għall-għajnuniet mill-Istat lill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju attivi fil-produzzjoni ta' prodotti agrikoli u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 70/2001**

(2009/C 261/07)

**Għajnuna Nru:** XA 175/09

**Stati Membri:** Spanja

**Reġjun:** Principado de Asturias

**Titolu tal-iskema ta' għajnuna jew isem l-impriża li tirċievi l-għajnuna individwali:** Subvenciones para servicios de asesoría en las pequeñas y medianas explotaciones agrarias del Principado de Asturias dedicadas a la producción primaria de productos agrícolas, prestados por las Agrupaciones para Tratamientos Integrados en Agricultura (ATRIAS)

**Bażi legali:** Subvenciones para servicios de asesoría en las pequeñas y medianas explotaciones agrarias del Principado de Asturias dedicadas a la producción primaria de productos agrícolas, prestados por las Agrupaciones para Tratamientos Integrados en Agricultura (ATRIAS)

**Nefqa annwali ppjanata taħt l-iskema jew ammont totali tal-għajnuna individwali mogħtija lill-impriża:** L-ammont massimu tal-għajnuna li għandha tingħata fis-sena 2009 huwa ta' EUR 90 000.

**Intensità massima tal-għajnuna:** L-intensità massima tal-għajnuna hija ta' 100 %.

**Data ta' l-implimentazzjoni:** Mid-data tal-pubblikazzjoni tan-numru ta' reġistrazzjoni tat-talba għal eżenzjoni fuq il-websajt tad-Direttorat Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali tal-Kummissjoni.

**Tul ta' żmien tal-għajnuna individwali:** Sa Diċembru 2013.

**Għan tal-għajnuna:**

Biex jiġu koperti l-ispejjeż li ġarrbu l-ATRIAS (Agrupaciones de Tratamientos Integrados en Agricultura – Assoċjazzjonijiet għat-Trattament Integrat fl-Agrikoltura) li jagħtu servizzi ta' konsulenza teknika lill-azjendi tal-agrikoltura żgħar u ta' daqs medju li jinsabu fil-Principado de Asturias u li huma attivi fil-produzzjoni primarja ta' prodotti aġrikoli, biex jiġu implimentati progammi ta' kontroll integrat ta' aġenti noċivi li jikkawżaw ħsara lill-prodotti.

L-Artikolu 15(2)(c) tar-Regolament (KE) 1857/2006 huwa applikabbli.

Skont kif stabbilit fil-paragrafu 3 tal-imsemmi Artikolu 15, l-għajnuna se tingħata f'forma ta' servizzi sussidjati minn partijiet terzi u ma tistax tikkonsisti fi ħlasijiet diretti ta' flus lill-produtturi.

F'konformità mal-kundizzjoni stabbilita fil-paragrafu 4 tal-imsemmi Artikolu 15, l-għoti tas-servizz ta' konsulenza għall-kontroll integrat tal-aġenti noċivi se jkun disponibbli għall-azjendi kollha tal-agrikoltura fil-Principado de Asturias li huma attivi fil-produzzjoni primarja tal-prodotti agrikoli, mingħajr il-ħtieġa li dawn ikunu membri tal-entitajiet imsemmija bħala kundizzjoni għall-aċċess tas-servizz.

**Settur jew setturi benefiċjarji:** Produzzjoni primarja ta' prodotti agrikoli.

**Isem u indirizz tal-awtorità li tagħti l-għajnuna:**

Consejería de Medio Rural y Pesca del Principado de Asturias
C/ Coronel Aranda, s/n, 4ª planta
33071 Oviedo (Asturias)
ESPAÑA

**Indirizz tal- Internet:**

It-test tar-regoli għall-għajnuna jinstab fuq il-portal http://www.asturias.es, fl-indirizz:

http://www.asturias.es/Asturias/descargas/PDF DE TEMAS/Agricultura/atrias_2009.pdf

**Informazzjoni oħra:** —

*El Director-General de Ganadería y Agroalimentación*

Luis Miguel ÁLVAREZ MORALES

---

**Għajnuna Nru:** XA 179/09

**Stati Membri:** Spanja

**Reġjun:** Comunidad Valenciana (ES52)

**Titolu tal-iskema ta' għajnuna jew isem l-impriża li tirċievi l-għajnuna individwali:**

Orden … de la Conselleria de Agricultura, Pesca y Alimentación, por la que se aprueban las bases reguladoras de las ayudas al cooperativismo agrario valenciano.

Aplicable a la parte del artículo 9 [(apartados 2, letra b) y 3, letra c)] referido a ayudas a la inversión en explotaciones agrarias realizadas por cooperativas que sean exclusivamente PYME.

**Bażi legali:** Orden … de la Conselleria de Agricultura, Pesca y Alimentación, por la que se aprueban las bases reguladoras de las ayudas al cooperativismo agrario valenciano

**Nefqa annwali ppjanata taħt l-iskema jew ammont totali tal-għajnuna individwali mogħtija lill-impriża:**

Għall-perjodu kollu kopert b'din l-Orden

| 2009 | 2010 | 2011 | 2012 | 2013 |
|---|---|---|---|---|
| 2 510 711 | 2 952 000 | 3 000 000 | 1 900 000 | 300 000 |

Infiq ġenerali annwali li jirriżulta mis-sejħiet għall-applikazzjonijiet skont ir-Regolament (KE) Nru 1857/2006.

Massimu ta' 10 % tal-infiq annwali ġenerali (pereżempju EUR 240 000 għas-sejħiet għall-applikazzjonijiet tal-2009). Huwa stmat li fis-sejħiet għall-applikazzjonijiet li jiġu wara, il-perċentwal se jkun simili.

**Intensità massima ta' l-għajnuna:** 40 %

**Data ta' l-implimentazzjoni:** Mid-data tal-pubblikazzjoni tan-numru ta' reġistrazzjoni tat-talba għal eżenzjoni fuq is-sit elettroniku tad-Direttorat Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali tal-Kummissjoni.

**Tul ta' żmien tal-għajnuna individwali:** 31.12.2013

**Għan tal-għajnuna:**

— Għan prinċipali: Kooperattivi agrikoli, SMEs

— Għanijiet sekondarji: it-tnaqqis fl-ispejjeż tal-produzzjoni, it-titjib u direzzjoni ġdida għall-produzzjoni, it-titjib fil-kwalità, il-konservazzjoni u t-titjib tal-ambjent rurali tal-madwar jew it-titjib tal-kundizzjonijiet tal-iġjene u tas-saħħa tal-annimali.

— Artikolu 4: Investiment f'azjendi agrikoli attivi fil-produzzjoni ta' prodotti agrikoli u tat-trobbija tal-bhejjem.

— Spejjeż eliġibbli: investiment materjali, ħlief ix-xiri ta' artijiet u pagamenti differiti marbutin mal-investiment.

— Mhumiex ikkunsidrati eliġibbli d-drittijiet tal-produzzjoni, l-annimali, il-pjanti annwali; it-tħawwil ta' pjanti annwali, xogħlijiet fuq drenaġġ jew xogħlijiet fuq irrigazzjoni u tagħmir tagħha, sakemm dan l-investiment ma jwassalx għal tnaqqis, tal-inqas ta' 25 %, fl-ammont ta' l-ilma użat; investimenti sempliċi ta' bdil. Bl-istess mod ma għandhiex tingħata għajnuna bi ksur ta' xi projbizzjonijiet jew restrizzjonijiet stabbiliti fir-Regolamenti tal-Kunsill li jistabbilixxu organizzazzjonijiet komuni tas-suq, anke fejn dawn il-projbizzjonijiet jew restrizzjonijiet jirreferu biss għall-għajnuna tal-Komunità.

**Settur jew setturi benefiċjarji:** Produzzjoni primarja fis-settur agrikolu u tat-trobbija tal-bhejjem.

**Isem u indirizz tal-awtorità li tagħti l-għajnuna:**

Generalitat Valenciana
Conselleria de Agricultura, Pesca y Alimentación
C/ Amadeo de Saboya, 2
46010 Valencia
ESPAÑA

**Indirizz tal- Internet:**

http://www.agricultura.gva.es/especiales/ayudas_agrarias/pdf/borrador_orden_cooperativismo.pdf

**Informazzjoni oħra:** —

**Għajnuna Nru:** XA 198/09

**Stati Membri:** Spanja

**Reġjun:** Navarra

**Titolu tal-iskema ta' għajnuna jew isem l-impriża li tirċievi l-għajnuna individwali:** Ayudas a explotaciones ganaderas por la inmovilización de ganado o el vacío sanitario obligatorio en el marco de campañas de saneamiento ganadero

**Bażi legali:** Orden Foral de la Consejera de Desarrollo Rural y Medio Ambiente, por la que se establecen las normas por las que se regulan las ayudas a las explotaciones ganaderas por la inmovilización de ganado o el vacío sanitario en el marco de campañas de saneamiento ganadero, y se aprueba la convocatoria para el año 2009

**Nefqa annwali ppjanata taħt l-iskema jew ammont totali tal-għajnuna individwali mogħtija lill-impriża:** EUR 120 000.

**Intensità massima tal-għajnuna:** L-għajnuna fl-ebda każ ma għandha taqbeż il-100 % tat-telf akkreditat.

**Data ta' l-implimentazzjoni:** L-iskema tidħol fis-seħħ mid-data tal-pubblikazzjoni tan-numru ta' reġistrazzjoni tal-applikazzjoni għal eżenzjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 1857/2006 fuq il-websajt tad-Direttorat Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali tal-Kummissjoni Ewropea.

**Tul ta' żmien tal-għajnuna individwali:** Mill-2009 sal-31 ta' Diċembru 2013.

**Għan tal-għajnuna:**

L-għan ewlieni tal-għajnuna huwa li tagħmel tajjeb għat-telf ekonomiku mġarrab mill-azjendi tat-trobbija tal-bhejjem wara l-immobilizzazzjoni obbligatorja minħabba l-mard, kif previst fi programmi ta' qerda.

L-Artikolu 10(2) Għajnuna mmirata biex tikkumpensa lill-bdiewa għat-telf ikkaġunat mill-mard tal-annimali. Spejjeż eliġibbli: L-Artikolu 10(2)(a)(ii) Għajnuna għat-telf ta' dħul minħabba l-obbligi ta' kwarantina.

**Settur jew setturi benefiċjarji:** Is-settur benefiċjarju huwa dak tal-produzzjoni u s-saħħa tal-annimali.

**Isem u indirizz tal-awtorità li tagħti l-għajnuna:**

Gobierno de Navarra
Dirección General de Agricultura y Ganadería
Servicio de Ganadería
C/ Tudela, 20
31003 Pamplona (Navarra)
ESPAÑA

**Indirizz tal- Internet:**

http://www.cfnavarra.es/agricultura/COYUNTURA/AyudasEstado/pdfs/STNO09046%20OF.pdf

**Informazzjoni oħra:** —

---

**Għajnuna Nru:** XA 227/09

**Stati Membri:** Spanja

**Reġjun:** Cataluña

**Titolu tal-iskema ta' għajnuna jew isem l-impriża li tirċievi l-għajnuna individwali:** Ayudas para instalaciones de aprovechamiento de la energía solar térmica en el Marco del Programa de Energías Renovables

**Bażi legali:** Orden ECF/XXX/2009, de xxx, por la que se aprueban las bases reguladoras para la concesión de las subvenciones en régimen reglado en el Marco del Programa de Energías Renovables, y se abre la convocatoria para el año 2009

**Nefqa annwali ppjanata taħt l-iskema jew ammont totali tal-għajnuna individwali mogħtija lill-impriża:** In-nefqa ppjanata taħt l-iskema hija ta' EUR 0,31 miljun kull sena.

**Intensità massima tal-għajnuna:** L-intensità massima ppjanata se tkun ta' 37 %. L-ammont massimu tal-għajnuna mogħtija lill-intrapriża speċifika m'għandux jaqbeż l-EUR 400 000 matul il-perjodu ta' 3 snin finanzjarji. Dan l-ammont jista' jitla' sa EUR 500 000 jekk l-intrapriża tkun tinsab f'żona li hija żvantaġġata jew fiż-żoni indikati fl-Artikolu 36(a) (i), (ii) jew (iii) tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005.

**Data tal-implimentazzjoni:** Mid-data tal-pubblikazzjoni tan-numru tar-reġistrazzjoni tat-talba għal eżenzjoni pprovduta fir-Regolament (KE) Nru 1857/2006 fuq il-websajt tad-Direttorat Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali tal-Kummissjoni Ewropea.

**Tul ta' żmien tal-għajnuna individwali:** It-tul tal-iskema ta' għajnuna huwa sa April 2010.

**Għan tal-għajnuna:**

L-għan li għandu jintlaħaq huwa l-konservazzjoni u t-titjib tal-ambjent naturali, permezz tal-promozzjoni tal-adozzjoni ta' sorsi ta' enerġija li jiġġeddu, partikolarment, l-enerġija solari termika.

Artikolu 4: Investimenti f'azjendi agrikoli. L-ispejjeż eliġibbli huma:

(a) Il-kostruzzjoni, ix-xiri jew it-titjib ta' propjretà immobbli;

(b) ix-xiri jew il-kiri bil-possibbiltà tax-xiri ta' makkinarju u apparat, inklużi programmi tal-informatika sal-valur tas-suq tal-prodott;

(c) l-ispejjeż ġenerali marbuta man-nefqa skont punti (a) u (b), li jinkludu l-ispejjeż tal-periti, inġiniera u konsulenti, studji ta' vijabbiltà u x-xiri ta' drittijiet u liċenzji.

Mhumiex eliġibbli spejjeż oħra marbuta ma' kuntratt ta' kiri bil-possibbiltà ta' xiri, ħlief dawk ikkunsidrati fil-paragrafi a) u b), bħalma huma t-taxxa, il-marġini tal-kerrej, l-ispejjeż ta' finanzjament mill-ġdid tal-interessi, l-ispejjeż ġenerali regolari fit-tmexxija tan-negozju, spejjeż tal-assigurazzjoni, eċċ.

**Settur jew setturi benefiċjarji:** Kwalunkwe settur li jagħmel parti mis-setturi ta' produzzjoni veġetali jew il-produzzjoni tal-annimali.

**Isem u indirizz tal-awtorità li tagħti l-għajnuna:**

Institut Català d'Energia
Calle Pamplona, 113, tercera planta
08018 Barcelona
ESPAÑA

**Indirizz tal- Internet:**

http://www.gencat.cat/icaen/ajuts/orden_reglada_EEER2009.pdf

**Informazzjoni oħra:** —

---

**Għajnuna Nru:** XA 228/09

**Stati Membri:** Franza

**Reġjun:** Département de l'Allier

**Titolu tal-iskema ta' għajnuna jew isem l-impriża li tirċievi l-għajnuna individwali:** Aides du département de l'Allier en faveur d'un programme sanitaire dans les élevages

**Bażi legali:**

— Article 1511-1 et suivants du code général des collectivités territoriales,

— Délibération du Conseil général de l'Allier en date du 16 décembre 2008 concernant le soutien aux actions sanitaires collectives du cheptel départemental

**Nefqa annwali ppjanata taħt l-iskema jew ammont totali tal-għajnuna individwali mogħtija lill-impriża:** EUR 180 000

**Intensità massima tal-għajnuna:**

33 %

L-għajnuna se tingħata kif ġej:

— 20 % tal-ispejjeż tat-teħid ta' kampjuni tad-demm għall-profilassi IBR u BVD,

— 30 % tal-ispejjeż tal-analiżi BVD, bl-għarfien li dawn l-analiżi jwasslu għall-iskrinjar BVD ta' annimal wieħed fil-bidu l-iskrinjar BVD tal-merħla kollha,

— 33 % tal-ispejjeż għad-dijanjożi tal-aborti (għal mard elenkat fuq il-lista OIE biss jew fl-Anness għad-Deċiżjoni 90/424/KEE: id-deni Q, il-marda *blue tongue* u BVD għan-ngħaġ; il-klamidjożi, id-deni Q, il-marda *blue tongue* (BT) u BVD għan-ngħaġ).

**Data tal-implimentazzjoni:** Mid-data tal-pubblikazzjoni tan-numru tar-reġistrazzjoni tat-talba għal eżenzjoni fis-sit tad-Direttorat Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali tal-Kummissjoni.

**Tul ta' żmien tal-għajnuna individwali:** Sal-31.12.2013

**Għan tal-għajnuna:**

L-abbozz huwa mfassal skont l-Artikolu 10 tar-Regolament tal-Kummissjoni Nru 1857/2006.

Il-Kunsill ġenerali ta' Allier jixtieq jinkuraġixxi t-twettiq tal-programmi sanitarji mill-Groupement de Défense Sanitaire du Cheptel Bourbonnais (GDSCB), li hija assoċjazzjoni dipartimentali magħrufa mill-Istat, sabiex twettaq l-azzjoni ppjanata skont it-termini tal-Artikolu C225 tal-kodiċi rurali.

L-għan ta' dawn il-programmi hu li jiggarantixxu saħħa pubblika aħjar billi titjieb l-kwalità sanitarja tal-merħliet bovini u tan-ngħaġ permezz ta' programmi ta' skrinjar u ta' appoġġ għall-mard:

(1) Skrinjar/profilassi: Infectious Bovine Rhinotracheitis (IBR) u Bovine Virus Disease (BVD):

Fl-2001, il-Kunsill ġenerali impenja ruħu permezz tal-GDSCB sabiex jiġi implimentat il-pjan IBR. Dan il-pjan ta' skrining tkompla wara l-implimentazzjoni ta' skema ta' ċertifikazzjoni tal-IBR (STC) fl-aħħar tal-1999 fuq livell nazzjonali. Din iċ-ċertifikazzjoni kienet operazzjoni innovattiva li tagħti lok għal-valorizzazzjoni ekonomika aħjar tal-annimali. Mindu saret il-kampanja tal-2003-2004, il-farms tal-bhejjem bovini kollha tad-dipartiment għandhom l-obbligu li kull sena, b'digriet prefetturali, iwettqu l-iskrinjar IBR fil-merħla tagħhom. Min-naħa l-oħra, minħabba t-tnaqqis tal-profilassi bruċellożi mill-2005, id-dipartiment intervjena fuq it-teħid tal-kampjuni tad-demm li twettaq b'mod kumplimentari barra mill-kampanja tal-profilassi bruċellożi wara l-2006.

Il-BVD hija marda tal-membrani mukużi tal-bovini. Din il-marda jista' jkollha konsegwenzi ekonomiċi u sanitarji serji fil-livell ta' trobbija. Għalhekk, il-GDSCB pproponiet l-implimentazzjoni ta' protokoll ta' skrinjar u identifikazzjoni tal-annimali hekk imsejħa IPI, jiġifieri dawk li jġorru l-virus għomorhom kollu. Dan il-pass kollettiv għandu jippermetti l-kontroll taċ-ċirkulazzjoni tal-virus, jillimita l-konssegwenzi ekonomiċi fil-farms tal-bhejjem bovini u jwieġeb għall-ħtiġijiet sanitarji tal-bdiewa li jrabbu l-bhejjem partikularment dawk tal-Lvant. Dan l-iskrinjar isir partikularment meta jiddaħħlu bhejjem ġodda fil-merħliet. Id-dipartiment kellu sehem fl-analiżi tal-BVD wara l-2006

(2) Skrinjar tal-kawżi tal-aborti (għal mard elenkat fuq il-lista OIE biss jew fl-Anness għad-Deċiżjoni 90/424/KEE)

Il-kampanja ta' bejn l-2007-2008 turi li hemm tħassib li dejjem qed jiżdied fuq l-għadd ta' aborti li qed jiżdiedu fuq il-farms b'rabta mal-istabbiliment tad-deni blue tongue (BT) fid-dipartiment tagħna. Sabiex tiġi evitata konklużjoni għaġġilija dwar l-oriġini tal-abort u biex tinqabeż il-problema serja billi l-aborti jiġu attribwiti għall-BT, il-GDSCB jixtieq jipproponi kit ta' analiżi lill-bdiewa li jrabbu l-bhejjem bovini li jagħtihom l-possibiltà li jidentifikaw il-marda abortiva u b'hekk jimplimentaw soluzzjonijiet adegwati ta' kura u prevenzjoni.

Il-protokoll jikkonsisti fit-teħid ta' kampjun mill-mara li tkun abortiet jew mill-plaċenta wara t-tieni abort fuq il-farm tal-bhejjem bovini f'perjodu ta' 12-il xahar. Dawn il-kits jikkonċernaw il-mard illi ġej:

— Kit bovin: Id-deni Q, il-BT u l-BVD

— Kit għan-ngħaġ: il-klamidjożi, id-deni Q u l-BT.

Ser jiġi żgurat li l-ebda bidwi li jrabbi l-bhejjem li l-farm tiegħu ma jissodisfax il-kriterji Komunitarji tal-impriża żgħira u ta' daqs medju (SME), ma jibbenefika minn dawn is-servizzi sussidjati. B'riżerva li dawn l-għajnuniet jingħataw bħala servizzi sussidjati, aċċessibbli għall-bdiewa li jrabbu l-bhejjem kollha, mingħajr il-ħtieġa li jkunu assoċjati ma' organizzazzjonijiet ta' produtturi jew strutturi oħrajn.

**Settur jew setturi benefiċjarji:** Farms tal-bhejjem bovini u tan-ngħaġ

**Isem u indirizz tal-awtorità li tagħti l-għajnuna:**

Conseil général de l'Allier
1 avenue Victor Hugo
BP 1669
03016 Moulins Cedex
FRANCE

**Indirizz tal- Internet:**

http://www.allier.fr/398-programme-detaille-d-intervention-du-cg03.htm

**Informazzjoni oħra:** —